



Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li kienet ikkonfermat il-multa ta' EUR 1.06 biljun imposta fuq Intel mill-Kummissjoni għall-abbuż ta' pożizzjoni dominanti

Il-kawża ntbagħtet lura lill-Qorti Ġenerali sabiex din teżamina l-argumenti mressqa minn Intel fir-rigward tal-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li jirrestrinġi l-kompetizzjoni

Permezz tad-Deċiżjoni tat-13 ta' Mejju 2009¹, il-Kummissjoni imponiet fuq il-manifattur Amerikan ta' mikroproċessuri Intel multa ta' EUR 1.06 biljun talli abbuża, bi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), mill-pożizzjoni dominanti tiegħu fis-suq tal-proċessuri² x86³. Minbarra dan, il-Kummissjoni ordnat lil Intel twaqqaf minnufih dan il-ksur fil-każ fejn dan kien għadu ma seħħx.

Skont il-Kummissjoni, Intel abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq mondjali tal-proċessuri x86 bejn Ottubru 2002 u Diċembru 2007, billi implementat strateġija intiża li teskludi mis-suq l-uniku kompetitur serju tagħha, Advanced Micro Devices (AMD)⁴.

Il-Kummissjoni qieset li Intel kienet tokkupa pożizzjoni dominanti minħabba li kellha xi 70 % jew iktar tas-sehem tas-suq u li kien ferm diffiċli għall-kompetituri jidħlu u jistabbilixxu ruħhom fis-suq minħabba n-natura irrekuperabbli tas-somom li għandhom jiġu investiti fir-riċerka u fl-iżvilupp, fil-proprjetà intelletwali u fl-installazzjonijiet ta' produzzjoni.

Skont il-Kummissjoni, l-abbuż⁵ kien ikkaratterizzat minn diversi miżuri adottati minn Intel fir-rigward tal-klijenti tagħha stess (manifatturi ta' kompjuters) u tad-distributur Ewropew ta' apparati mikroelettroniċi Media-Saturn-Holding.

B'dan il-mod, Intel tat tnaqqis lil erba' manifatturi prinċipali ta' kompjuters (Dell, Lenovo, HP u NEC), suġġett għall-fatt li jixtru mingħandha l-mikroproċessuri x86 kollha jew kważi kollha. Bl-istess mod, Intel tat xi pagamenti lil Media-Saturn bil-kundizzjoni li din tal-aħħar tbiegħ esklużivament kompjuters mgħammra bi proċessuri x86 ta' Intel. Skont il-Kummissjoni, dan it-tnaqqis u l-pagamenti żguraw il-lealtà tal-erba' manifatturi ċċitati iktar 'il fuq u ta' Media-Saturn u b'hekk naqqsu kunsiderevolment il-kapaċità tal-kompetituri ta' Intel li jkunu involuti f'kompetizzjoni bbażata fuq il-merti tal-proċessuri x86 tagħhom. L-aġir antikompetittiv ta' Intel b'hekk ikkontribwixxa li titnaqqas l-għażla offruta lill-konsumaturi kif ukoll l-inċentivi għall-innovazzjoni.

Fuq il-bażi tal-linji gwida tal-2006, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-multa imposta fuq Intel għal EUR 1.06 biljun. Intel ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-Qorti

¹ Sommarju tad-Deċiżjoni huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali C 227 tat-22 ta' Settembru 2009, p. 13. Ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni IP/09/745 tat-13 ta' Mejju 2009 u l-MEMO/09/400 tal-21 ta' Settembru 2009.

² Il-proċessur huwa komponent essenzjali ta' kull kompjuter, kemm għall-prestazzjonijiet ġenerali tas-sistema kif ukoll għall-ispiża globali tal-apparat. Ta' spiss jitqies li huwa l-"moħħ" tal-kompjuter. Il-manifattura tal-proċessuri teħtieġ installazzjonijiet ta' teknoloġija għolja.

³ Il-mikroproċessuri użati fil-kompjuters jistgħu jitqiegħdu f'żewġ kategoriji, jiġifieri l-proċessuri x86 u l-proċessuri bbażati fuq arkitettura oħra. L-arkitettura x86 hija standard maħsub minn Intel għall-mikroproċessuri tagħha, li sservi għall-funzjonament tas-sistemi ta' użu Windows u Linux. Windows hija prinċipalment marbuta mal-istruzzjonijiet x86 kollha.

⁴ Qabel is-sena 2000, wieħed kien jgħodd diversi manifatturi ta' proċessuri x86. Il-parti l-kbira tagħhom madankollu sparixxew mis-suq.

⁵ Skont il-Kummissjoni, jirrigwarda ksur uniku u kontinwu.

Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Hija talbet l-annullament ta' din id-deċiżjoni jew, għall-inqas, tnaqqis sostanzjali tal-multa⁶.

Permezz ta' sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014⁷, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Intel fl-intier tiegħu.

Intel ippreżentat appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Skont Intel, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari kienet wettqet żball ta' liġi billi astjeniet milli teżamina t-tnaqqis kontenzjuż fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ.

Fir-rigward ta' dan l-ilment, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-Qorti Ġenerali laqgħet l-argument tal-Kummissjoni li jgħid li t-tnaqqis għal lealtà mogħti minn impriża f'pożizzjoni dominanti għandu, min-natura stess tiegħu, il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni b'mod li ma kienx neċessarju li jiġu analizzati ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ u lanqas, b'mod partikolari, li jitwettagħ it-test AEC (magħruf bl-Ingliż bl-isem ta' "as efficient competitor test").

Il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li l-Kummissjoni, filwaqt li enfasizzat li t-tnaqqis inkwistjoni kellu, min-natura tiegħu stess, il-kapaċità li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, wettqet xorta waħda, fid-deċiżjoni tagħha, eżami fil-fond taċ-ċirkustanzi tal-każ, liema eżami wassalha tikkonkludi li kompetitur daqstant effettiv kien ikollu joffri prezzijiet li ma kinux vijabbli u li, għaldaqstant, il-prattika ta' tnaqqis inkwistjoni seta' jkollha effetti ta' esklużjoni ta' tali kompetitur. It-test AEC għaldaqstant kellu importanza reali fl-evalwazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-kapaċità tal-prattika ta' tnaqqis inkwistjoni li tipproduċi effett ta' esklużjoni tal-kompetituri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk tiddeċiedi li l-Qorti Ġenerali kienet obbligata teżamina l-argumenti kollha ifformulati dwar dan it-test (bħal, b'mod partikolari, l-iżbalji li l-Kummissjoni wettqet dwar it-test), ħaġa li l-Qorti Ġenerali astjeniet milli tagħmel. **Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla għalhekk is-sentenza tal-Qorti Ġenerali minħabba din l-astenjoni fil-kuntest tal-analiżi tagħha tal-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.** (147)

Il-Qorti tal-Ġustizzja tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex tkun tista' teżamina, fid-dawl tal-argumenti mressqa minn Intel, il-kapaċità tat-tnaqqis kontenzjuż li jirrestrinġi l-kompetizzjoni. (149)

L-argumenti ta' Intel dwar l-assenza ta' kompetenza territorjali tal-Kummissjoni biex tissanzjona l-abbuż, kif ukoll l-eżistenza ta' vizzji proċedurali li kienu affettwaw id-drittijiet tagħha tad-difiża, ġew, min-naħa tagħhom, miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja.

TFAKKIRA: Jista' jitressaq appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, limitat għad-domandi tad-dritt, kontra sentenza jew digriet tal-Qorti Ġenerali. Fil-prinċipju, l-appell mgħandux effett li jissospendi. Jekk huwa ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' hija stess b'mod definittiv il-kawża. Fil-każ kuntrarju, hija tibgħat il-kawża lura lill-Qorti Ġenerali, li hija marbuta mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tal-opinjoni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

⁶ Dan l-ammont ġie ddeterminat fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ ta' proċessuri x86 fatturati minn Intel lill-impriżi stabbiliti fis-suq taż-ŻEE waqt l-aħħar sena tal-ksur (EUR 3 876 827 021 fl-2007). Sussegwentement, il-Kummissjoni ddeterminat proporzjon ta' dan il-valur skont il-gravità tal-ksur (5 % fuq massimu ammissibbli ta' 30 %) qabel ma timmultiplikaha bin-numru ta' snin tal-ksur (ħames snin u tliet xhur, liema fatt iwassal għal fattur ta' 5.5).

⁷ Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, *Intel vs Il-Kummissjoni* (T-286/09 ara wkoll is-CP Nru [82/14](#)).